IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 30.6.2010
KUMM(2010)351 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

dwar l-applikazzjoni matul is-sena 2009 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

dwar l-applikazzjoni matul is-sena 2009 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

KELMTEJN QABEL

Dan ir-Rapport, li jkopri s-sena 2009, sar skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[1].

L-anness għal dan ir-rapport fih dejta tal-istatistika dwar it-trattament tat-talbiet għall-aċċess. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-istatistika hi biss dwar it-talbiet ta' aċċess għal dokumenti li ma kinux ippubblikati u ma tinkludi la l-ordnijiet ta' dokumenti diġà ppubblikati u lanqas it-talbiet għal informazzjoni.

1. Reviżjoni tar-Regolament 1049/2001

   Il-proposta tal-Kummissjoni, ippreżentata fit-30 ta' April 2008, ġiet eżaminata fi ħdan il-grupp ta' informazzjoni tal-Kunsill.

   Fil-11 ta' Marzu 2009, il-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-rapport tal-Kummissjoni LIBE, ippreżentat mis-Sur Cashman, li fih għadd importanti ta' emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Sadanittant, il-Parlament ressaq il-vot dwar ir-reżoluzzjoni leġiżlativa. Minħabba dan, il-proposta għadha fil-fażi tal-ewwel qari. Il-Parlament il-ġdid li rriżulta mill-elezzjonijiet ta' Ġunju 2009 kompla l-ħidma parlamentari fuq il-proposta.

2. Reġistri u Siti fuq l-Internet

2.1. Matul is-sena 2009, 18063 dokument ġdid ġew miżjuda fir-reġistru tad-dokumenti tal-Kummissjoni (ara t-tabella fl-anness).

2.2. Ir-Regolament jipprevedi fl-Artikolu 9(3) li d-dokumenti hekk imsejħa "sensittivi"[2] jitniżżlu biss fir-reġistru bi qbil mal-awtorità ta' oriġini. Fl-2009, l-ebda dokument sensittiv fis-sens ta' din id-dispożizzjoni ma kien kopert mir-reġistru.

2.3. Id-dejta dwar il-konsultazzjoni tas-sit "Trasparenza u aċċess għad-dokumenti", aċċessibbli fuq is-server EUROPA għas-sena 2009 hija kif ġej:

---

[1] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43

[2] "Dokumenti sensittivi huma dokumenti li ġejjin mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji mwaqqfa minnhom, mill-Istati Membri, pajjiżi terzi jew Organizzazzjonijiet Internazzjonali, ikklassifikati bħala "TRÉS SECRET/TOP SECRET", "SECRET" jew "CONFIDENTIEL" skont ir-regoli tal-istituzzjoni rilevanti, li jħarsu l-interessi essenzali tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mill-Artikolu 4(1)(a), partikolarment is-sigurtà pubblika, kwistjonijiet militari u tad-difiża" (Art 9(1))

	Numru ta' viżitaturi	Numru ta' sessjonijiet	Paġni viżwalizzati
Total	44.538	61.823	84.094
Medja fix-xahar	3.712	5.152	7.008

3. Kooperazzjoni mal-Istituzzjonijiet l-oħra u l-Istati Membri

Il-**Kummissjoni interistituzzjonali**, li għaliha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament, iltaqgħet fil-livell politiku fil-15 ta' Diċembru 2009, fuq l-inizjattiva tal-presidenza Svediża tal-Kunsill, bil-għan li teżamina l-mezzi li jippermettu li jiġi ffaċilitat aktar l-aċċess taċ-ċittadini għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Matul din il-laqgħa, ġie ssuġġerit b'mod partikolari li:

(1) din il-kummissjoni tiltaqa' mill-inqas darba fis-sena fil-livell politiku, u r-riżultati tad-diskussjonijiet għandhom isiru pubbliċi;

(2) il-ħidmiet ta' din il-kummissjoni jkunu bbażati fuq ix-xogħol ta' tħejjija li jkun sar mis-servizzi kompetenti tal-istituzzjonijiet;

(3) b'mod partikolari, fi ħdan din il-kummissjoni, ikunu eżaminati l-possibbiltajiet li:

- jinġabru fuq paġna web waħda l-ħolqiet kollha għall-websajts li jirrigwardaw l-aċċess għad-dokumenti tat-tliet istituzzjonijiet;

- tiġi żgurata l-komplementarjetà tar-reġistri pubbliċi tal-istituzzjonijiet, biex b'hekk ikunu iktar faċli li wieħed jużahom u titjieb l-aċċessibbiltà tad-dokumenti;

- jiġu mqarrba gradwalment l-għodod ta' riċerka tal-istituzzjonijiet (f'dan il-kuntest, il-kapaċità u l-fattibbiltà ta' metodi ta' indiċar komuni għad-dokumenti jistgħu jiġu eżaminati bil-għan li tinħoloq funzjoni ta' riċerka komuni);

- tiġi estiża l-bażi ta' dejta *PreLex*[3] biex tkopri d-dokumenti kollha prodotti mill-istituzzjonijiet implikati fil-proċess leġiżlativ, filwaqt li tittieħed in kunsiderazzjoni l-possibbiltà li jiġi kkumplimentat il-*PreLex* bl-*Œil*[4];

- titjieb l-aċċessibbiltà tad-dokumenti kollha marbuta ma' fajl leġiżlattiv speċifiku billi jinġabru d-dokumenti kollha li jappartjenu għall-istess fajl leġiżlattiv;

- fir-rigward ta' din tal-aħħar, fl-2010 għandu jsir studju preliminari tal-fajls leġiżlattivi identifikati bħala prijoritarji fir-rigward ta' komunikazzjoni tal-UE;

(4) meta istituzzjoni tkun bi ħsiebha toħloq sistema ġdida ta' ħażna elettronika jew tibdel b'mod sinifikanti sistema eżistenti, l-istituzzjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-impatt fuq id-drittijiet ta' aċċess għad-dokumenti, u taġixxi billi tippromwovi l-għan ta' trasparenza.

---

3 Il-bażi ta' dejta tal-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

4 Bażi ta' dejta tal-Parlament Ewropew

Barra minn dan, is-servizzi tat-tliet istituzzjonijiet inkarigati mill-implimentazzjoni tar-Regolament komplew, matul l-2009, il-forum ta' skambju tagħhom dwar kwistjonijiet ta' natura ġuridika relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament.

4. Analiżi tat-Talbiet Għal Aċċess

4.1. In-numru ta' **talbiet inizjali** baqa' stabbli matul is-sena 2009 (5055 talba, meta mqabbel ma' 5197 fl-2008).

4.2. In-nurmu ta' **talbiet ta' konferma** naqas ftit; ġew irreġistrati 134 applikazzjoni fl-2009 kontra 156 fl-2008.
Ta' min jinnota li numru sostanzjali ta' talbiet jirrigwarda l-fajls sħaħ relatati ma' diversi proċeduri amministrativi.

4.3. F'dak li jirrigwarda t-**tqassim tat-talbiet skont l-oqsma ta' interess**, l-oqsma tal-ambjent, it-trasport u l-enerġija, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja, is-suq intern u l-kompetizzjoni, jammontaw għal madwar 40% tat-talbiet.

4.4. It-**tqassim tat-talbiet skont il-kategoriji soċjoprofessjonali** kkonferma s-sehem tat-talbiet li oriġinaw mill-qasam akkademiku, li baqgħu l-iktar numeruż, għalkemm naqsu meta mqabbla mal-2008 (21.29% tat-talbiet kontra 31.03% fl-2008).

4.5. Fl-aħħarnett, it-**tqassim ġeografiku** tat-talbiet baqa' wkoll kostanti. Madwar 20% tat-talbiet joriġinaw minn persuni jew minn organizzazzjonijiet imwaqqfa fil-Belġju, minħabba fin-numru ta' impriżi, minn uffiċċji ta' avukati jew minn assoċjazzjonijiet jew NGOs li joperaw fil-livell Ewropew. Barra dan, il-biċċa l-kbira tat-talbiet joriġinaw mill-Istati Membri l-iktar popolati: il-Ġermanja, Franza, l-Italja, Spanja, ir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi b'kollox ilaħħqu għal ftit aktar min-nofs it-talbiet (49.75 %). Il-parti tal-Istati Membri l-ġodda għadha modesta.

5. L-Applikazzjoni tal-Eċċezzjonijiet għad-Dritt ta' Aċċess

5.1. Il-perċentwali ta' tweġibiet pożittivi fil-fażi inizjali tat-talbiet żdiedet meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

F'84.23% tal-każijiet (meta mqabbel ma' 82.68 % fl-2008) id-dokumenti ġew żvelati b'mod sħiħ u 4.11 % tal-każijiet (meta mqabbel ma' 3.33 % fl-2008) ingħataw aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba.

5.2. Il-perċentwali tad-deċiżjonijiet li jikkonfermaw il-pożizzjoni inizjali – li kienet diġà naqset ħafna fl-2008 – reġgħet naqset sew fl-2009 (tnaqqis ta' aktar minn 25%, jiġifieri minn 48.08% tal-każijiet fl-2008 għal 22.50% tal-każijiet fl-2009).

Il-perċentwali tat-tweġibiet totalment pożittivi wara rifjut inizjali kważi ttrippla (50% meta mqabbel ma' 18.59 % fl-2008). Il-perċentwali tad-deċiżjonijiet li jagħtu aċċess parzjali wara rifjut inizjali naqas ftit (27.50 % għal 33.33 % fl-2008).

5.3. Fl-istadju inizjali, iż-żewġ raġunijiet ewlenin għar-rifjut jibqgħu:

– il-protezzjoni tal-għan tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika (it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2)), li wriet żieda żgħira meta mqabbla mal-2008 (27,61% ta' rifjuti meta mqabbla ma' 26,63 % fl-2008);

– il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (l-Artikolu 4(3)), b'perċentwali ta' 17.80 % għall-każijiet fejn ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni u ta' 7.81 % għal dawk dwar opinjonijiet għall-użu intern, jiġifieri total ta' 25.61 % ta’ rifjuti (meta mqabbla ma’ total ta’ 28.72 % fl-2008).

Il-proporzjon ta' rifjuti bbażati fuq il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali għadu sostanzjali, b'13.99% (kontra 14.4% fl-2008) tal-każijiet ta' rifjut.

5.4. Ir-raġunijiet ewlenin li jiġġustifikaw il-konferma ta' rifjut ta’ aċċess għadhom:

– il-ħarsien tal-għan tal-attivitajiet ta’ investigazzjoni (25.91% meta mqabbla ma' 27,85% fl-2008);

– il-ħarsien tal-interessi kummerċjali (17,52 %, meta mqabbla ma' 24.89% fl-2008);

– u l-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni b'perċentwali ta' 12.77% għall-każi fejn ma tkunx għadha ttieħdet deċiżjoni u ta' 13.87 % għal dawk dwar opinjonijiet għall-użu intern, jiġifieri total ta' 26,64 % 29.54% ta’ rifjuti (meta mqabbla ma’ total ta’ 29.54% fl-2008).

– Ir-raġuni ta' rifjut ibbażat fuq l-oppożizzjoni pura u sempliċi tal-Istat Membru m'għadhiex użata mindu l-Qorti[5] ddikjarat li l-Artikolu 4(5) tar-Regolament ma jagħtix lill-Istat Membru d-dritt ta' veto li jippermettilu li jopponi b'mod diskrezzjonali għall-iżvelar tad-dokumenti li joriġinaw minnu. Fil-fatt, l-Istat Membru huwa obbligat li jagħti r-raġuni għall-oppożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-eċċezzjonijiet previsti fir-Regolament, u għalhekk huma dawn biss li jistgħu jkunu raġunijiet ta' rifjut.

6. Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew

6.1. Matul l-2009, l-Ombudsman għalaq 16-il każ li kienu jsegwu lmenti kontra l-Kummissjoni dwar rifjuti tal-għoti ta' dokumenti[6]:

2 każi magħluqa mingħajr ma nstabet amministrazzjoni ħażina			
1906/2007/VIK		*97/2008/BEH*	
11-il każ b’kumment kritiku u/jew kumment ieħor			
429/2007/PB	488/2007/PB	672/2007/WP	819/2007/PB
70/2008/TS	443/2008/MA	1010/2008/AL	1059/2008/WP

5 Cfr. Id-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta’ Diċembru 2007 fil-Kawża C-64/05P *l-Isvezja vs il-Kummissjoni*

6 Għal informazzjoni dettaljata dwar il-każijiet, ara http://www.ombudsman.europa.eu/cases/home.faces

119 0/2 008 /DK	308 5/2 008 /GG	2/2 009 /M HZ	
3 każi magħluqa mingħajr ma tkompliet l-investigazzjoni			
3824/2006/GG	*1452/200 7/PB*	2420/2007/B EH	

6.2. Matul l-2009, l-Ombudsman fetaħ tnax-il fajl dwar ilmenti li kienu jikkonċernaw rifjut ta' komunikazzjoni tad-dokumenti.

7. Kawżi ġudizzjarji

7.1. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ħarġet żewġ sentenzi f'kawżi dwar deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jirrifjutaw totalment jew parzjalment l-aċċess għal dokumenti fuq il-bażi tar-Regolament 1049/2001. Dan jirrigwarda s-sentenzi tal-11 ta' Marzu 2009 tal-kawżi T-121/05 u T-166/05, *Borax Europe Ltd vs il-Kummissjoni*

F'dawn is-sentenzi, it-Tribunal ħassar id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jirrifjutaw l-aċċess għal diversi dokumenti dwar laqgħa ta' grupp ta' esperti xjentifiċi, speċjalisti fil-qasam ta' effetti tossiċi ta' sostanzi kimiċi fuq ir-reproduzzjoni umana. Dawn l-esperti ġew maħtura mill-Istati Membri, iżda pparteċipaw f'din il-laqgħa bħala esperti u mhux bħala rappreżentanti tal-Istati Membri.

Fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni skont liema l-iżvelar tal-identità tal-esperti, flimkien mal-opinjoni li esprimew matul il-laqgħa, huwa ta' theddida għall-integrità tagħhom minħabba l-esponiment għal pressjonijiet esterni mhux ġustifikati, it-Tribunal ikkunsidra li d-deċiżjonijiet attakkatti ma fihomx biss raġunijiet ġenerali u li l-Kummissjoni ma tatx provi rigward il-każ pertinenti, li jistgħu jipprovaw l-eżistenza ta' tali riskju.

F'dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni "proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet" li wkoll ġie invokat mill-Kummissjoni, it-Tribunal indika li l-opinjonijiet ta' natura xjentifika li nġabru minn istituzzjoni bil-għan ta' elaborazzjoni ta' test "leġiżlattiv" għandhom, bħala prinċipju, ikunu żvelati, anke jekk jistgħu jkunu ta' natura polemika jew jekk minħabba fihom il-persuni li fformulaw dawn l-opinjonijiet ma jagħtux il-kontribut tagħhom għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' din l-istituzzjoni. Ir-riskju, invokat mill-Kummissjoni, li dibattitu pubbliku li jirriżulta mill-iżvelar tal-opinjoni tagħhom iġiegħel lill-esperti biex ma jeħdux aktar sehem fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet huwa inerenti għar-regola li tagħraf il-prinċipju ta' aċċess għad-dokumenti li fihom opinjonijiet previsti għall-użu intern fil-qafas ta' konsultazzjonijiet u ta' deliberazzjonijiet preliminari, li jinkludu l-evidenza ta' konsultazzjonijiet ta' esperti.

It-Tribunal għalhekk ħassar id-deċiżjonijiet li ġew attakkati minħabba li kkunsidra li r-raġunijiet ta' rifjut kienu ġenerali wisq.

7.2. Fl-2009 saru sitt rikorsi ġodda kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001 [7]:

Kawża T-59/09, *Il-Ġermanja c/ Il-Kummissjoni*	Kawża T-245/09, *Shell Hellas Oil and Chemical SA (Shell Hellas AE) c/ Il-Kummissjoni*[8]	Il-Kawża T-251/09, *Société des Pétroles Shell SAS c/ Il-Kummissjoni*[9]
Kawża T-337/09, *Colegio Oficial de Farmacéuticos de Valencia c/ Il-Kummissjoni*	Kawża T-411/09, *Ioannis Terezakis c/ Il-Kummissjoni*	Kawża T-467/09, *Dierk Stelzer c/ Il-Kummissjoni*

8. Konklużjonijiet

8.1. It-tip tat-talbiet u r-raġunijiet għal rifjut:

Bħas-snin ta' qabel, l-impressjoni ġenerali li toħroġ mill-analiżi tat-talbiet għall-aċċess hi li proporzjon kbir minn dawn jikkonċerna l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll tal-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja. Barra minn hekk, f'bosta każijiet, dawn it-talbiet għall-aċċess isiru bl-għan li jinkisbu dokumenti li x'aktarx li jappoġġjaw il-pożizzjoni ta' min jagħmel it-talba fil-kuntest ta' ilment, pereżempju dwar ksur preżunt tad-dritt Komunitarju, jew ta' rikors amministrattiv jew ġudizzjarju, pereżempju dwar deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni. Għandu jiġi nnutat li dawn it-talbiet ġeneralment jinvolvu volumi kbar ta' dokumenti li l-analiżi tagħhom toħloq xogħol amministrattiv konsiderevoli.

Ta' min jinnota li, l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni hija invokata l-aktar sabiex tipproteġi t-teħid ta' deċiżjonijiet individwali. Fil-qasam leġiżlattiv, hemm aktar u aktar dokumenti direttament aċċessibbli għall-pubbliku, mingħajr ma jkun hemm bżonn li t-talba għall-aċċess tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni. Id-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni żviluppaw is-

[7] Għal tagħrif dettaljat dwar dawn il-kawżi, ara http://curia.europa.eu/jurisp/cgi-bin/form.pl?lang=mt

[8] Imħassra mir-reġistru, b'ordni tal-5.1.2010

[9] Imħassra mir-reġistru, b'ordni tal-5.1.2010

siti tal-internet tagħhom dwar il-politiki speċifiċi u permezz ta' dan għandhom numru konsiderevoli ta' dokumenti għad-disponibbiltà tal-pubbliku.

L-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tiġi essenzjalment invokata fil-kuntest tat-talbiet għal aċċess dwar fajls li jirrigwardaw il-politika tal-kompetizzjoni jew tas-sejħiet għall-offerti.

8.2. Evoluzzjoni tal-każistika:

It-Tribunal ikkonferma l-ġurisprudenza fuq il-punti li ġejjin:

– motivazzjoni ta' rifjut ġenerali wisq li twassal għall-esklużjoni ta' kategorija sħiħa ta' dokumenti, fiha nnifisha, hi insuffiċjenti biex tiġġustifika l-applikazzjoni ta' eċċezzjoni;

– l-istituzzjoni għandha tagħti prova tar-riskju ta' preġudizzju meta mqabbel mal-każ konkret, li tali riskju għandu jkun prevedibbli b'mod raġonevoli u mhux purament ipotetiku;

– f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet ta' natura "leġiżlattiva", il-każistika tat-Tribunal titniżżel fil-bażi ta' dejta tal-każistika tal-Qorti *Turco*[10].

[10] Sentenza tal-Qorti tal-1 ta' Lulju 2008 tal-każijiet konġunti C-39/05 P u C-52/05, Rec. 2008, p. I - 4723

ANNESS

Statistika dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001

1. NUMRU TA' DOKUMENTI LI TPOĠĠEW FIR-REĠISTRU

	COM	C	ĠU	PV	SEC	Total
2009	1970	11940	131	92	3931	**180063**

TALBIET INIZJALI

2. NUMRU TA' APPLIKAZZJONIJIET

2007	2008	2009
4196	5197	5055

3. **REAZZJONIJIET**

	2007		2008		2009	
	numru	%	numru	%	numru	%
Pożittivi	3051	72,71	4314	82,68	4258	84,23
Miċħuda	982	23,40	703	13,99	589	11,65
Aċċess parzjali	163	3,88	180	3,33	208	4,11
totali	4196	100,00	5197	100,00	5055	100,00

4. NUMRU TA' TALBIET

2007	2008	2009
273	156	134

5. REAZZJONIJIET

	2007		2008		2009	
	numru	%	numru	%	numru	%
Konferma	181	66,30	75	48,08	27	22,50
Reviżjoni parzjali	50	18,32	52	33,33	33	27,50
Reviżjoni totali	42	15,38	29	18,59	60	50
totali	273	100,00	156	100,00	120 (1)	100,00

(1) Fost dawn it-talbiet, hemm 14 li, fid-data tat-30 ta' April 2010, kienu għadhom qed jiġu ttrattati, b'mod partikolari minħabba l-volum tad-dokumenti kkonċernati.

ID-DISTRIBUZZJONI TAR-RIFJUTI SKONT L-EĊĊEZZJONI APPLIKATA (%)

6. TALBIET INIZJALI

	2007	2008	2009
4.1.a protezzjoni tal-interess pubbliku - l-ewwel inċiż - is-sigurtà pubblika	1,19	0,18	1,36
4.1.a protezzjoni tal-interess pubbliku - it-2 inċiż - id-difiża u l-kwistjonijiet militari	2,23	0,82	0,54
4.1.a protezzjoni tal-interess pubbliku - it-3 inċiż - ir-relazzjonijiet internazzjonali	10,98	10,24	8,17
4.1.a protezzjoni tal-interess pubbliku - ir-4 inċiż - il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika	1,26	2,9	2,09
4.1.b. Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu	5,04	5,98	6,99
4.2. l-1 inċiż - Protezzjoni tal-interessi kummerċjali	10,79	14,4	13,99
4.2. It-2 inċiż - Protezzjoni tal-proċedimenti fil-qrati u pariri leġali	6,08	6,52	9,81
4.2. It-3 inċiż - Protezzjoni tal-attivitajiet ta' spezzjoni, investigazzjoni u verifika	23,48	26,63	27,61

4.3.l-1 subparagrafu - Proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet, deċiżjoni li għadha ma tteħditx	12,02	13,5	17,80
4.3. It-2 subparagrafu - Proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet, deċiżjoni li diġà ttieħdet: Pariri għall-użu intern fil-kuntest ta' deliberazzjonijiet u konsultazzjonijiet preliminari	19,29	15,22	7,81
4.5. Rifjut tal-Istat Membru / awturi oħra	7,64	3,62	3,81
total	100,00	100,00	100,00

7. TALBIET KONFERMATORJI

	2007	**2008**	**2009**
4.1.a protezzjoni tal-interess pubbliku - l-ewwel inċiż - is-sigurtà pubblika	0,9	0,42	2,55
4.1.a protezzjoni tal-interess pubbliku - it-2 inċiż - id-difiża u l-kwistjonijiet militari	0,4	0,42	0
4.1.a protezzjoni tal-interess pubbliku - it-3 inċiż - ir-relazzjonijiet internazzjonali	2,2	5,91	4,38
4.1.a protezzjoni tal-interess pubbliku - ir-4 inċiż - il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika	0,4	0,84	3,28
4.1.b. Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu	4,8	5,06	14,23
4.2.l-1 inċiż - Protezzjoni tal-interessi kummerċjali	25,25	24,89	17,52
4.2. It-2 inċiż - Protezzjoni tal-proċeduri leġiżlattivi u pariri leġali	4,8	3,8	5,47
4.2. It-3 inċiż - Protezzjoni tal-attivitajiet ta' ispezzjoni, inkjesta u verifika	24,75	27,85	25,91
4.3.l-1 subparagrafu - Proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, deċiżjoni li għadha ma tteħditx	5,7	17,3	12,77
4.3. It-2 subparagrafu - Proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet, deċiżjoni li diġà ttieħdet: Pariri għall-użu intern fil-kuntest ta' deliberazzjonijiet u konsultazzjonijiet preliminari	11,7	12,24	13,87
4.5. Rifjut tal-Istat Membru	19,1	1,27	0
totali	100,00	100,00	100,00

DISTRIBUZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

8. SKONT IL-KATEGORIJA SOĊJOPROFESSJONALI TAL-APPLIKANTI (%)

	2007	2008	2009
Id-dinja akkademika	31,85	31,03	21,29
Is-soċjetà ċivili (gruppi ta' interess, industrija, NGOs, eċċ.)	17,77	18,26	9,85
Membri tal-pubbliku li l-profil soċjoprofessjonali tagħhom ma ġiex indikat	15,33	16,75	45,5
Awtoritajiet pubbliċi (minbarra l-istituzzjonijiet tal-UE)	15,69	14,19	7,33
Avukati	9,69	11,01	10,24
Istituzzjonijiet oħra tal-UE	6,75	6,3	3,77
Ġurnalisti	2,90	2,46	2,02

9. SKONT L-ORIĠINI ĠEOGRAFIKA TAT-TALBIET (%)

	2007	2008	2009
Il-Belġju	19,86	18,93	18,26
Il-Ġermanja	15,58	16,89	16,61
L-Italja	8,18	8,54	7,18
Franza	9,32	8	8,01
Ir-Renju Unit	5,76	6,34	6,23
Spanja	5,92	5,29	6,27
L-Olanda	4,42	4,83	5,45
Oħrajn	1,76	2,63	-
Il-Lussemburgu	2,8	2,61	1,71
Mhux indikat	1,16	2,61	10,57
Il-Polonja	2,41	2,57	2,86

Id-Danimarka	1,23	2,45	1,63
L-Awstrija	2,71	2,11	1,98
Il-Greċja	1,5	1,93	1,06
Il-Portugall	1,18	1,5	1,61
L-Isvezja	1,46	1,44	2,13
L-Irlanda	0,82	1,28	0,72
Ir-Repubblika Ċeka	0,89	1,26	1,11
L-Isvizzera	0,82	1,18	-
Il-Finlandja	1,43	1,08	0,78
L-Istati Uniti	0,61	1,02	0,09
L-Ungerija	0,86	0,86	0,70
Il-Litwanja	0,55	0,62	0,35
Ir-Rumanija	0,96	0,58	0,93
In-Norveġja	0,32	0,36	0,07
Il-Bulgarija	0,94	0,36	0,56
Is-Slovenja	1,8	0,32	0,39
Il-Latvja	0,14	0,28	0,06
Il-Liechtenstein	0,45	0,28	-
Is-Slovakkja	0,59	0,24	0,50
Il-Ġappun	0,2	0,24	-
Ċipru	0,25	0,22	0,20
Malta	0,45	0,2	0,30
Iċ-Ċina (inkl. Ħong Kong)	1,01	0,14	-
L-Estonja	0,29	0,1	0,17
Ir-Russja	0,05	0,1	-
Il-Messiku	0,05	0,1	-
Il-Kroazja	0,43	0,08	-

L-Ukraina	0,04	0,08	-
In-New Zealand		0,08	-
L-Awstralja	0,07	0,06	0,07
Il-Brażil	0,04	0,06	-
It-Turkija	0,12	0,04	-
Il-Kanada	0,25	0,04	-
L-Iżrael	0,12	0,04	-
L-Afrika t'Isfel		0,04	-
L-ERJM	0,04	0,02	--
L-Albanija	0,02	0,02	-
L-Islanda	0,02	0	-
L-Eġittu	0,14	0	-
Pajjiżi barra l-UE	-	-	0,76
l-Asja	-	-	0,19
L-Amerika t'Isfel	-	-	0,09
L-Amerika ta' Fuq	-	-	0,28
L-Afrika	-	-	0,20

	2007	**2008**	**2009**
Pajjiżi tal-U	92,28	99,46	87,79

E			
Pajjiżi Kandidati	0,12	0	0
Oħrajn	4,55	0	1,63
Mhux indikat	3,05	0,54	10,57

10. **SKONT L-OQSMA TA' INTERESS (%)**

Direttorat Ġenerali /Servizz	**2007**	**2008**	**2009**
SG - Segretarjat Ġenerali	10,19	9,38	10,10
TREN - Enerġija u Trasport	7,54	8,18	8,02
MARKT - Suq Intern	6,46	7,28	7,27
COMP - Kompetizzjoni	7,32	7,18	7,03
JLS - Ġustizzja, Libertà u Sigurtà	8,45	6,69	7,74
ENV - Ambjent	6,11	6,07	8,37
ENTR - Impriżi	5,48	5,91	4,55

SANCO - Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumaturi	4,27	5,74	4,69
TAXUD - Tassazzjoni u Unjoni Doganali	4,82	5,17	6,20
ADMIN - Persunal u Amministrazzjoni + OIB l-Uffiċċju "Infrastruttura u loġistika" + OIL Uffiċju "Infrastruttura u loġistika"	2,34 +0.22	4,08 +0.28	3,15
EMPL - Impjiegi u Affarijiet Soċjali	3,1	3,72	3,28
AGRI – Agrikultura	4,11	3,6	4,07
REGIO - Politika Reġjonali	3,69	3,42	3,67
TRADE - Kummerċ	2,48	2,72	2,08
RELEX - Relazzjonijiet Esterni	4,09	2,39	2,25
INFSO - Soċjetà tal-Informazzjoni	2,21	2,3	2,29
SJ - Servizz Legali	1,34	1,75	1,80
DEV - Żvilupp	2,12	1,67	1,33
AIDCO - Uffiċju ta' kooperazzjoni EuropeAid	1,27	1,55	1,42
ELARG - Tkabbir	3,18	1,5	1,74
EAC - Edukazzjoni u Kultura	1,58	1,4	1,44
RTD - Riċerka	1,64	1,23	1,52
ECFIN - Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji	1,07	1,23	1,87
MARE - Is-sajd u affarijiet marittimi	0,95	1,13	0,79
BUDG - Baġit	1,31	1,07	1,07
COMM - Servizz Komunikazzjoni	0,73	0,85	0,41
OLAF - Uffiċċju Ewropew għall-Ġlieda Kontra l-Frodi	0,45	0,62	0,24
CAB - Kabinetti tal-Kummissarji	0,16	0,43	0,30
DGT - Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni	0,4	0,32	0,13
EPSO - Uffiċċju għar-Reklutaġġ	0,08	0,23	0,26
ESTAT - Eurostat	0,24	0,22	0,11
PMO - Uffiċċju għall-Amministrazzjoni u l-Pagamenti ta' Drittijiet Individwali	0,13	0,18	-
ECHO - Uffiċju għall-Għajnuna Umanitarja	0,21	0,15	0,24
ĊKR - Ċentru Konġunt tar-Riċerka	0,02	0,13	0,22
IAS - Verifika Interna	0,1	0,07	0,02
BEPA - Uffiċċju tal-Konsulenti dwar il-Politika Ewropea	0,06	0,07	0,06
OPOĊE - Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet	0,03	0,05	0,19

SCIC - Servizz Komuni tal-Interpretazzjoni	0,02	0,02	0,02
DIGIT	0,03	0	0,07
FC - Kontroll Finanzjarju	0,02	-	-
Total:	**100**	**100**	**100**